

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 11 ta' Diċembru 2019

Id-detenzjoni kriminali: Id-drittijiet huma rispettati?

Il-popolazzjoni eċċessiva, il-kundizzjonijiet sanitarji f'żiena u ż-żmien limitat barra miċ-ċelel fil-ħabsijiet jiksru d-drittijiet tad-detenu u jipperikolaw ir-riabilitazzjoni, skopra rapport ġdid tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Is-sejbiet u l-bażi ta' data ta' sostenn se jrin jgħinu lill-imħallfin u lill-avukati jivvalutaw in-nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet meta jiddeċiedu dwar każijiet transfruntieri.

"Ir-regoli tal-ħabs internazzjonali u tal-UE jgħidu biċ-ċar li l-priġunieri jenħtieġ li jiġu ttrattati b'dinjità", qal id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "Il-Priġunieri spiss ibatu minn kundizzjonijiet degradanti matul il-priġunerija tagħhom. L-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jiżguraw kundizzjonijiet ta' detenzjoni rispettabbli biex itejbu l-possibilitajiet ta' riabilitazzjoni tal-priġunieri."

Ir-rapport "[Il-Kundizzjonijiet ta' Detenzjoni Kriminali fl-Unjoni Ewropea: ir-regoli u r-realtà](#)" jiddeskrivi standards minimi magħżula fil-livelli internazzjonali u Ewropej, u kif dawn jissarrfu f'liġijiet nazzjonali. Dan juri wkoll kif dawn ir-regoli japplikaw fil-prattika billi jiffukaw fuq:

- **Id-daqs taċ-ċella:** Il-popolazzjoni eċċessiva spiss twassal għal ħabsin li għandhom anqas minn 3 m² għal kull priġunier, u b'hekk jiksru l-minimu rakkomandat ta' 4 m².
- **Il-ħin barra:** L-Istati Membri mhux dejjem jirregolaw kemm il-priġunieri jistgħu jidumu barra miċ-ċella tagħhom. Xi drabi l-ħabsin iqattgħu siegħa kuljum barra miċ-ċella tagħhom, li speċjalment ma tkunx biżżejjed f'ħabsijiet b'popolazzjoni eċċessiva.
- **Is-sanità:** Ħabsijiet maħmuġin b'aċċess limitat għall-kmamar tal-banju jiksru l-liġijiet internazzjonali u nazzjonali, minkejja li l-kundizzjonijiet qed jitjiebu bil-mod.
- **Il-kura tas-saħħa:** Għalkemm jenħtieġ li l-priġunieri jibbenefikaw mill-istess livell ta' kura tas-saħħa bħall-pubbliku, in-nuqqas ta' persunal ta' spiss iwassal għal dewmien. Huma neqsin ukoll mill-privatezza matul l-eżamijiet tagħhom.
- **Il-vjolenza:** Il-ġlied, il-vjolenza sesswali u l-bullying fost il-priġunieri huma komuni f'ħafna Stati Membri, minkejja l-obbligu tal-Istati li jiproteġu lill-ħabsin taħt il-kustodja tagħhom.

Is-sejbiet se jiggwidaw lill-imħallfin u lil ġuristi oħrajn biex jivvalutaw jekk il-priġunieri humiex f'riskju ta' trattament inuman u degradanti, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Dan huwa utli b'mod speċjali meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar każijiet transfruntieri, bħal meta l-Istati Membri joħorġu [Mandat ta' Arrest Ewropew](#).

[Il-bażi ta' data l-ġdida tal-FRA dwar id-detenzjoni kriminali online](#) tikkumplementa r-rapport. Din fiha standards, liġijiet u rapporti ta' monitoraġġ nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni mill-UE kollha.

Il-FRA użat rapporti minn korpi nazzjonali ta' monitoraġġ u [intervisti minn riċerka preċedenti](#) biex turi kif il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

Il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-FRA biex tikkompila informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-monitoraġġ fil-ħabsijiet fl-Istati Membri kollha tal-UE biex tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji meta jiddeċiedu dwar it-trasferiment tad-detenu ti lejn Stat Membru ieħor tal-UE

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642